MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 17/2004

**Maltacom plc (C22334)**

**vs**

**Raphael Ibrahim**

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-konvenut intalab jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm4,564.75) [figura kif tidher fl-avviz] rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' uzu frawdolenti ta' telecard (skond kif jirrizulta mill-anness 'invoice' Dok A).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru, 2002 u tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghhom ecepixxa is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-ebda ammont ma hu dovut mill-konvenut;
2. Illi mhux minnu illi l-konvenut ghamel xi uzu frawdolenti ta' telecard, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici qed titlob minghand l-konvenut l-ammont ravvizat fl-avviz wara li kien intercettat mill-Pulizija Ezekuttiva qed jaghmel uzu minn *telecard* falza li permezz taghha kien qed jaghmel telefonati ghall-esteru bla hlas ghad-detriment tal-istess socjeta'.

**Il-Pulizija vs Ibrahim Raphael Trad**. Minn din is-sentenza jirrizulta illi l-konvenut, allura imputat, kien misjub hati ta' diversi akkuzi in konnesjoni ma' falsifikazzjoni u uzu illecitu ta' *phonecard* b'mod illi huwa kien fil-pussess ta' tali card li irrizulta li kellha l-kapacita li tintuza b'mod illimitat. Il-Pulizija kienet stabiliet li l-imputat kien qed icempel barra minn Malta fuq in-numru 0096323465593 minn telfon li irrizulta li kien wiehed pubbliku.

L-Inginier Salvino Gatt, adett mas-socje

ta' attrici, xehed f'dawn il-proceduri illi huwa kien innota li kienu qed isiru telefonati minn *card phones* li hemm sitwati fil-kumpless Park Towers f'San Giljan u dan permess ta' *telecards* liema telefonati kienu qed jaqbzu l-valur ta' l-aktar card gholia li tipprovdi l-istess socjeta' attrici. Huwa spjega li ghalhekk beda ifittex in-numru tat-telefons li kienu qed isiru mill-erba *card phones* li kienu qed jaqbzu l-valur tal-ghola card kif gia spjegat. Huwa spjega ukoll illi sakemm issir telefonata li ma teccedix is-96 pulse huwa ma jkunx jaf jekk dik il-card hix falza jew le izda meta din il-card tinhareg mit-teefon hija terga tikkarga ruhha u ghalhekk beda jfittex ukoll in-numri tat-telefon li kienu qed isiru ukoll taht is-96 pulse u b'hekk ikkonkluda li dawk it-telefonati kienu qed isiru mill-istess persuna u mill-istess *telecard*. Bis-sahha ta' dan l-ezercizzju il-Pulizija setghu jintercettaw u jressqu lill-konvenut biex iwiegeb ghall-proceduri kriminali kif fuq spjegat kif ukoll sabiex tkun inizjata l-kawza in dizamina. L-istess xhud qal li dan l-incident kien ifisser aktar minn Lm6000 f'telefonati mhux imhallsa ghall-esteru. Huwa qal ukoll kien konvint li din il-card kienet qed tkun mislufa lil diversi persuni. Kwantu ghall-ammont pretiz dan ix-xhud qal li "min uza t-telecard falza mit-telephone booth 21378568 ghan-numru b'destinazzjoni 00963 ecc tella kont ta' Lm80.44 u ghalhekk l-ammont mitlub fl-avviz huwa l-ammont li tella l-persuna li tat din it-telecard falza mil-1 ta' Gunju 2001." (fol 61);

Il-konvenut xehed illi huwa ma setax ghamel it-telefonati kollha kif qed issostni s-socjeta' attrici ghaliex skond id-dokumenti minnu esebiti huwa kien xoghol f'Bugibba fil-granet u hinijiet indikati minn fol 75 sa 151 tal-process ghal dawk in-numru li ma kellux x'jaqsam maghhom. Huwa kkonferma li kien ghamel telefonati mill-Park Towers u dawn kienu sitta lejn is-Sirja u sitta lejn il-Libanu fejn hemm il-familja tieghu. Huwa cahad li qatt silef il-card lil terzi persuni;

Ikkonsidrat:

Illi ir-rendikont tal-hinijiet tax-xoghol esebiti mill-konvenut jirreferu ghas-sena 2002 meta s-socjeta' rikorrenti ibbazat

it-talbiet taghha ghal-perjodu bejn Gunju 2001 u Settembru 2001. Minn ezami ta’ dawn ir-*roster sheets* paragunati mal-elenki imhejjija mis-socjeta’ attrici jirrizulta illi dawn bl-ebda mod ma jistghu ikunu ta’ xi beneficcju ghall-konvenut ghaliex, se mai, huwa kellu jipprezenta ir-*roster sheets* tal-granet li s-socjeta’ attrici ttenni li saru dawn it-telefonati bla hlas. Di piu’, il-konkluzzjoni tal-Inginier tas-socejta’ attrici li dawn it-telefonati saru mill-istess card izda mhux necessarjament mill-istess persuna, hija plawsibbli u rejali ghaliex minn ezami tal-istess elenku jirrizulta illi dawn it-telefonati saru jew ezattament wara xulxin fi gruppi ta’ cirka hamsa jew sitta jew stakkati bi ftit hin bejnithom u dan minkejja li mhux destinati ghall-istess numru.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tas-socjeta’ attrici hija pruvata fil-grad rikjest mil-ligi konfortata mill-fatt ukoll illi l-konvenut kellu kull opportunita’ jipprova li dawn it-telefonati ma kienx responsabbli ghalihom hu, liema opportunita’ huwa ddekada minnha meta esebixxa dokumenti biex jipprova l-*alibi* tieghu liema dokumenti, izda, kienu jirreferu ghal perjodu kompetalemt differenti.

Ghal dawn il-mottivi, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lil-istess is-somma ta’ ghaxart elef sitt mija u tlieta u tletin Euro (E 10,633) ekwivlenti ghall Lm4,564.75 kif pretiz fl-avviz.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------